**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**

**Vs**

**Robert John Muscat**

**Kaz Nru: 699/2014**

**Illum 28 ta' Settembru 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Robert John Muscat ta' 44 sena, bin Alfred u Catherine nee' Cutajar, imwieled Attard, fl-01 ta' Gunju 1970, residenti 'Serene' Flat 3, Triq is-Sajjieda, Mellieha u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 233470(M):

Talli f'Dicembru 2011 u xhur u snin ta' qabel, f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel dikjarazzjoni falza lill-awtorita' pubblika;

2. Talli sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz lill-awtorita' pubblika (MEPA);

3. U aktar talli ghamel dikjarazzjoni ghal xi ghan ta' Att 504 tal-Ligijiet ta' Malta li kienet falza, qarrieqa jew mhux korretta f'xi aspett importanti.

Il-Qorti ntalbet sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-pulizija irceviet kwerela mill-avukat tas-sinjuri Mallia u binthom u zewgha. Tali kwerela kienet tikkoncerna blokk ta' appartamenti. Dan il-blokk huwa maqsum f'erba' appartamenti, tnejn fuq xulxin fuq naha u tnejn fuq xulxin fuq in-naha l-ohra. Il-kwerelanti ghandhom appartament minnhom. L-istess l-imputat f'dak iz-zmien, ghalkemm issa l-appartament li kellu inbiegh. Jirrizulta li l-imputat kemm fiz-zmien inkwistjoni kif ukoll illum ghandu nofs indiviz ta' l-arja tal-blokka. Il-kwerelanti ghandhom kwart indiviz minn din l-arja u Charles Scerri ghandu l-kwart indiviz l-iehor.

Jirrizulta li kien hemm zmien fejn l-applikazzjonijiet li kellhom jigu prezentati l-MEPA li kienu jinhtiegu sabiex isir zvilupp kienu se joghlew. Ghalhekk is-sidien tal-appartamenti fil-blokka inkwistjoni kienu tkellmu bejniethom fis-sens li biex ighollu l-valur tal-bini taghhom jibnu l-arja u ghalhekk kien opportun li jgibu tali permess bi prezz li kien ghadu m'gholiex. Gara li l-imputat kien xehet applikazzjoni lill-MEPA. F'din l-applikazzjoni li giet prezentata fit-30 ta' Marzu 2010[1] hemm klawsola li taqra li d-dikjarant qieghed

[1] Dok OM1 a fol 73 tal-process

jiddikjara li huwa s-sid tal-post kollu u fil-fatt l-imputat iffirma tali dikjarazzjoni.

L-ilment tal-kwerelanti kien proprju din id-dikjarazzjoni ghaliex meta l-ispettur kellimhom qalulu li din l-applikazzjoni saret ad insaputa taghhom. Sostnew li l-applikazzjoni twahhlet fix-Xitwa meta huma residenti tas-Sajf. Sabu l-applikazzjoni b'kumbinazzjoni meta marru l-appartament fix-Xitwa biex jivverifikaw jekk kienx hemm kollox sew.

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Ferris[2] jirrizulta li meta kellem lill-imputat dan qallu li s-sidien tal-appartamenti kienu ghaddejjin b'diskussjonijiet bejniethom biex isebbhu u jghollu l-valur tal-blokk tal-appartamenti. Huwa ddikjara li kien mela l-applikazzjoni *de quo* u ffirma l-istess bid-dikjarazzjoni li huwa s-sid ghaliex sostna li huwa kellu l-kunsens tacitu taghhom.

Wara li l-ispettur kellem lill-imputat, kellem ukoll lil Charles Scerri li jghix ukoll fl-istess blokka ta' appartamenti. Scerri kkonferma li kien hemm id-diskussjonijiet imsemmija min-Nutar. L-ufficjal prosekutur in kontro-ezami xehed li l-kwerelanti kienu qeghdin jaqblu li f'dawn il-laqghat li kellhom mas-sidien l-ohra kien gie deciz li n-Nutar jara x'applikazzjonijiet jistghu johorgu. Il-kwistjoni taghhom kienet id-dikjarazzjoni li saret min-Nutar li huwa kien is-sid tal-arja kollha. Il-kwerelanti sostnew li huma ma tawhx permess biex japplika.

Meta imbaghad xehdu l-kwerelanti, Carmen u Emanuel Camilleri[3] huma qalu li l-problema kienet ghaliex l-imputat applika mal-MEPA biex jibni fuq il-bejt kollu u dan meta huma proprjetarji ta' kwart indiviz ta' l-arja. Spjegaw li ghalkemm il-bejt huwa indiviz pero' huma kellhom in-naha taghhom fejn fiha ghandhom washroom. Carmen Camilleri xehdet li marru l-MEPA kemm-il darba imbaghad l-imputat irtira l-applikazzjoni.

Jirrizulta mix-xhieda ta' Oliver Magro, li xehed in rapprezentanza tal-MEPA[4], li dahlet applikazzjoni numru 1410/2010 fit-30 ta' Marzu 2010. L-applikant kien l-imputat u fiha kien indika li huwa s-sid uniku tas-sit fejn applika. Fit-23 ta' Lulju 2010 dahlet oggezzjoni minn Carmen u Emanuel Camilleri u Emanuel u Alice Mallia fir-rigward tad-dikjarazzjoni li kien ghamel l-applikant li kien l-uniku sid tal-art

[2] Seduta tas-7 ta' Jannar, 2015
[3] Seduta tal-4 ta' Frar 2015
[4] Seduta tat-2 ta' Marzu 2015

inkwistjoni. Sussegwentement dawn ipprezentaw ukoll il-kuntratt li jirrigwarda dan il-fond biex l-applikazzjoni tkompli timxi. Din l-applikazzjoni eventwament giet rifjutata. L-applikant appella izda fil-process ta' l-appell, l-applikant irtira dan l-appell.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri[5]. Huwa xehed li xtara appartament il-Mellieha fi blokka ta' erba' (4) appartamenti il-Mellieha u kellu nofs l-arja indiviza tal-blokka. Huwa jixhed li fiz-zmien li xtara l-post, il-blokka kienet fi stat mitluq hafna u huwa flimkien mal-lum martu kienu jmorru fil-*weekend* biex jaghmlu xi haga biex jirrangaw il-post. Qatt ma kien ikun hemm hadd fil-blokka. Il-komun kien ikrah ghaliex ma hadd ma kien bajjad. Kellu anki *skylight* jillikja l-ilma gol-komun u anki fl-appartament tieghu. Matul iz-zmien jispjega li ltaqa' ma' Charles Falzon li kien xtara l-appartament tieghu fl-istess zmien li qallu li kien qieghed isib problema biex jikkomunika ma ta' fuqu, mas-sinjuri Camilleri (kwerelanti odjerni). In-Nutar jixhed li waqt li kien ghaddej bix-xoghol iddecieda li jbajjad il-komun u anki l-faccata minghajr ma talab flus lil hadd. Is-sinjuri Camilleri darba tfaccaw u lmentaw kif kien qabad u wettaq ix-xogholijiet minghajr ma qalilhom. Eventwalment issejhet laqgha lejn l-ahhar tas-sena 2009 fejn kien gie mistieden kulhadd. F'din il-laqgha kien hemm prezenti huwa, Davinia Cutajar, Charkes Falzon u martu u s-sinjuri Camilleri. Charles Scerri u martu ma kienux prezenti izda dan Scerri kien qal lin-Nutar biex imexxi kif jidhirlu.

Kien gie diskuss x'kienu se jaghmlu fil-komun u x'setghu jaghmlu fuq l-arja billi bhala zona setghu jinbnew aktar sulari. Dakinhar tal-laqgha s-sinjuri Camilleri kienu qablu li huma kellhom igibu stima tal-bieb ta' barra biex jitranga. Dan il-bieb ghadu l-antik sallum. L-imputat kellu jivverifika x'seta' johrog fuq il-bejt bhala sulari. Meta gab perit biex jara l-post qallu li kien hemm cans li jsiru zewg sulari mhux wiehed. Il-Perit avzah li fil-MEPA kienu qeghdin isiru diskussjonijiet biex tbiddel ir-regoli taghha rigward bini ta' *penthouses* u kienu se joghlew it-tariffi. Ghalhekk il-Perit issuggerilu biex jitfa' l-applikazzjoni biex almenu tkun hemm u imbaghad fuq il-permessi jaraw. Fil-fehma tieghu, in-Nutar jixhed li kellu l-mandat tacitu biex imexxi mis-sinjuri Camilleri. Ma' Charles Scerri kien jikkomunika regolarment u dan kien ighidlu biex imexxi. L-imputat jixhed li halla f'idejn il-perit u dan kien qallu eventwalment li s-sinjuri Camilleri

[5] Seduta tat-13 ta' Lulju 2015

kienu oggezzjonaw ghaliex l-imputat kien iffirma d-dokument tal-MEPA minghajr il-kunsens taghhom. Huwa jixhed li ma kien se jehdilhom l-ebda drittijiet ghaliex kieku stess hareg il-permess kien ikun dejjem saving *third party rights*. Inoltre' huwa mhux se jaqbad u jmur jibni minghajr il-kunsens taghhom u lanqas huwa fl-interess tieghu li jonfoq flus fuq proprjeta' ta' haddiehor. Mart l-imputat ikkonfermat il-versjoni moghtija minnu.

Illi Charles Falzon, proprjetarju ta' appartament fl-istess blokka (imma mhux ukoll ta' sehem indiviz mill-arja) xehed fuq l-istess binarju li xehed l-imputat. Infatti huwa jikkonferma li kien prezenti ghal-laqgha li ssejhet min-Nutar u li kienu ddiskutew diversi affarijiet – il-bieb ta' barra li daqqa jinfetah daqqa ma tinfetahx ic-cavetta; li jbiddlu l-madum tal-art u jirrangaw anki l-*mains* fejn qeghdin; it-tambocc; il-bibien tal-bejt u kienet diskussa il-possibilita' li wiehed japplika biex jibni fuq. L-applikazzjoni ghall-izvilupp kellu jiehu hsiebha n-Nutar. Huwa jaf li kellha ssir l-applikazzjoni u r-raguni kienet ghaliex kienu se joghlew it-tariffi.

Stabilit dan kollu, jirrizulta li l-imputat bhala fatt ma jikkontestax li huwa pprezenta l-applikazzjoni l-MEPA (d'altronde' dan gie ppruvat) u li huwa ddikjara fl-applikazzjoni msemmija li huwa sid tal-art inkwistjoni li fuqha kien qieghed jigi propost li jsir zvilupp. Jirrizulta wkoll li l-imputat huwa nutar pubbliku. Din il-Qorti tistqarr li dan huwa kaz *sui generis* imkwantu ghac-cirkostanzi kollha li sehhew biex l-imputat spicca jiffaccja akkuzi kriminali.

F'din il-kawza l-imputat jissottometti li l-mens rea kienet mankanti u ghaldaqstant huwa ghandu jigi liberat minn kull akkuza. Huwa infatti dejjem sostna li kellu l-mandat tacitu tas-sidien l-ohra tal-arja li huwa kellu jipprocedi b'dan il-mod u kwindi l-intenzjoni tieghu fl-ebda mument ma kienet kriminuza.

Din il-Qorti tinsab sodisfatta mill-provi prodotti li l-versjoni moghtija mill-imputat sa mill-istqarrija tieghu hija wahda veritiera u li l-prosekuzzjoni ma rnexxilix tipprova l-kaz taghha oltre' d-dubju dettat mir-raguni. Dan ghaliex tinsab korroborata minn diversi xhieda li whud minnhom huma totalment indipendenti mill-imputat u l-familja tieghu. Charles Scerri, is-sid ta' kwart indiviz ta' l-arja inkwistjoni, jikkonferma li kienu qeghdin isiru diskussjonijiet sabiex isiru l-ameljoramenti fil-blokka inkwistjoni billi din kienet fi stat ta'

abbandun u oltre' dan kienu qeghdin jikkunsidraw il-possibilita' li jsir zvilupp fuq l-arja. Charles Scerri ma kienx prezenti ghal-laqgha *per se* izda jixhed li n-Nutar kien kellmu diversi drabi u huwa min-naha tieghu tah *carte blanche*. Carmel Falzon li kien prezenti ghal laqgha jikkonferma li kull min kien prezenti ha f'idejh xi haga li riedet issir. In-Nutar kellu, fost ohrajn, jiehu hsieb l-applikazzjoni ta' l-izvilupp u dan anki billi t-tariffi gha tali applikazzjonijiet kienu se joghlew. Huma kienu ftehmu li tinxtehet l-applikazzjoni w imbaghad wiehed jara x'kien se jigri imma almenu kienu japplikaw it-tariffi 'l qodma.

Infatti anki meta xehdu l-kwerelanti f'dawn il-proceduri l-ilment taghhom huwa dwar id-dikjarazzjoni li huwa sid uniku tal-arja u mhux per se' ghaliex saret l-applikazzjoni. Tant huwa hekk li wara li oggezzjonaw jirrizulta li pprezentaw il-kuntratt ta' akkwist tal-appartament taghhom biex l-applikazzjoni tibqa' tigi processata. Huwa ovvju li l-kwerelanti nkwetaw li kien se jittehdilhom id-dritt taghhom tal-proprjeta' meta huwa maghruf li kwalunkwe permess ghall-izvilupp li jinhareg mill-MEPA jkun *saving third party rights*.

Illi ghalhekk irrizulta ampjament li l-imputat qatt ma kellu intenzjoni li jaghmel dikjarazzjoni falza ghaliex huwa xehet l-applikazzjoni mhejjija mill-Perit tieghu bil-hsieb li hekk kellu jaghmel skont il-ftehim milhuq bejn iz-zewg ko-proprjetarji l-ohra ta' l-arja indiviza.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldqstant tilliberah minnhom.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat